

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Frar 2013 — InterMune UK et. vs EMA**(Kawża T-73/13)**

(2013/C 114/60)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrenti: InterMune UK Ltd (Londra, ir-Renju Unit) InterMune, Inc. (Brisbane, l-Istati Uniti tal-Amerka); u InterMune International AG (Muttentz, l-Isvizzera) (rappreżentanti: I. Dodds-Smith u A. Williams, Solicitors, T. de la Mare, Barrister, u F. Campbell, avukat)

Konvenuta: Aġenzija Ewropea għall-Mediċini

Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni, innotifikata mill-konvenuta lir-rikorrenti fil-15 ta' Jannar 2013, li tiżvela ċerta numru ta' informazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ⁽¹⁾, sa fejn l-imsemmija deċiżjoni tirrigwarda l-iżvelar ta' informazzjoni, li kienet ġiet ipprovduta preċedentement mir-rikorrenti lill-konvenuta, li għadha ma hijiex disponibbli għall-pubbliku; u

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ħlas tal-ispejjeż u ħlasijiet oħra inkorsi mir-rikorrenti fil-kuntest ta' din il-kawża.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

(1) L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-konvenuta ma wettqitx kif suppost l-eżerċizzju ta' bilanċjar li jimponilha l-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001, sabiex tevalwa jekk jeżistix, fil-fatt, interess pubbliku għall-iżvelar tal-informazzjoni inkwistjoni li jiġi l-preċedenza fuq in-neċessità li jiġi pproteżti l-interessi kummerċjali tar-rikorrenti kontra l-preġudizzju kunsiderevoli li jirriżulta minn tali iżvelar.

(2) It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li l-konvenuta naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni kif xieraq elementi importanti oħra rilevanti sabiex jitwettaq l-eżerċizzju ta' bilanċjar rikjest mil-leġiżlazzjoni, fosthom:

— ir-reqwiziti li jirriżultaw minn atti speċifiċi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea (b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 726/2004 ⁽²⁾ u, iktar partikolarment, l-Artikolu 14(11) tiegħu);

— il-prinċipji ta' interpretazzjoni, imposti mill-Artikolu 39(3) tal-Ftehim TRIPs (ftehim dwar l-aspetti tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali relatati mal-kummerċ) fuq l-instituzzjonijiet kollha tal-Unjoni Ewropea, li dawn tal-aħħar għandhom josservaw fl-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni;

— id-drittijiet fundamentali għall-proprjetà u tar-rispett tal-ħajja privata, kif protetti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, evalwati fid-dawl ta' eżami dettaljat tal-fatti rilevanti kollha sabiex tkun tista' ssir analiżi tal-proporzjonalità; u

— l-obbligu li ssegwi l-linji gwida u l-politika ppubblikata tagħha stess dwar l-importanza tal-protezzjoni ta' informazzjoni koperta bis-sigriet kummerċjali.

(3) It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li, li kieku l-konvenuta wettqet korrettament l-eżerċizzju ta' bilanċjar meħtieġ, u li kieku ħadet inkunsiderazzjoni kif suppost l-elementi kollha rilevanti, l-unika konklużjoni legali, proporzjonali u/jew raġonevoli kienet tkun li l-informazzjoni inkwistjoni ma għandhiex tiġi iżvelata.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, li jstabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jstabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti; Kapitolu 13, Vol. 34, p. 229).

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Frar 2013 — Ir-Renju Unit vs BĊE**(Kawża T-93/13)**

(2013/C 114/61)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrent: Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (rappreżentanti: K. Beal, QC, u E. Jenkinson, aġent)

Konvenut: Il-Bank Ċentrali Ewropew

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla parzjalment id-Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2012, li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2007/7 dwar il-kundizzjonijiet tat-TARGET2-BĊE (BĊE/2012/31) (ĠU 2013 L 13, p. 8.);